MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. PADOVANI JACQUELINE LL.D.

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Numru. 253/2002

PULIZIJA
SPETTUR BERNARD ZARB
SPETTUR SANDRO ZARB
VS
MOUHAMMED ALI SALEM BIN KRAK

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mouhammed Ali Salem Bin Krak ta' 46 sena, bin Ali u Hiyriyya nee Elfezzani, imwieled fi Tripoli nhar l-1 ta' Settembru 1956, u residenti f'Ben Shour Street, Tripoli, detentur tal-passaport numru 255946 talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar snin b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:-

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' simijiet foloz, jew ta' kwalifikati foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta'

hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' David Zammit, Mary Bonello, Catherine Vella, Vivaldi Hotel u diversi persuni ohra bi ksur ta' l-Art 308 u 309 u 310 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' malta.
2. Approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm20,000 liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tal-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, dan bi ksur tal-Artikolu 293 tal-kap9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Talli fiz-zmien precedenti bhala persuna li imbarka jew zbarka minn Malta ghamel jew gieghel li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-ufficjal tal-Immigrazzjoni b'passaport numru A767313 u dan bi ksur tal-artikolu 32 tal-kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi u fi zminijiet ta' wara ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe mill-passaport bin-numru A767313 u dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi iffalsifika, biddel, jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa ja li kien iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih, u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Talli f'dawn l-ahhar xhur minghajr ma inghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Prncipali ta' l-Immigrazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 5 tal-kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tas-7 t'Awissu 2002 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tad-9 t'Ottubru 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu ghajr it-tieni akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ghajr ghat-tieni akkuza u wara li rat Art 308, 309, 310 tal-kap 9, Art 32 tal-kap 217, Art 189 tal-kap 9, Art 5 tal-kap 61 u Art 5 tal-kap 217, tikkundannah ghal sena prigunerija li minnhom jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv.

Inoltre tiddikjara lill-imputat bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tnehhija tieghu minn dawn il-gzejjer.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.